MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-27 ta' Dicembru, 2007

Numru 450/2007

**Il-Pulizija**
**(Sp. Edel Mary Camilleri)**

**V**

**Rai Kaser iben Samwel u Aliya ta' Nazzjonalita' Libjana, imwieled Darfur Sudan fl-10 ta' Marzu, 1989 u joqghod San Giljan**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Rai Kaser li gie akkuzat talli fit-18 ta' Mejju, 2007 ghall-habta tal-11.30 ta' filghodu gewwa tas-Sliema

(a) uza vjolenza kontra l-persuna ta’ Noel Mercieca sabiex igieghlu jaghmel, ihalli jsir jew jonqos milli jaghmel xihaga u dan ai termini ta’ l-artikolu 251(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta
(b) Hebb kontra persuna ta’ Noel Mercieca billi ngurja, dejqu u ghamillu l-hsara, kif ukoll ipprovokah b’tali mod li johrog barra l-limiti tal-provokazzjoni u dan ai termini ta’ l-artikolu 339(1)(d)(e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta
(c) Talli garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta’ u/jew bil-ponta ta’ liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja u permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija u dan ai termini ta’ l-artikolu 6 tal-Kapitlu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.
(d) Talli fis-16 ta’ Jannar, 2007 wara nofsinhar harab minn post ta’ kustodja pubbliku ai termini ta’ l-artikolu 151 u 152 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-ammissjoni tieghu registrata fis-seduta tal-11 ta’ Dicembru, 2007.

Rat li l-istess ammissjoni giet ikkonfermata.

Ghaldaqstant in vista ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u wara li rat l-artikoli 251, 339, 151, 152, 17 tal-Kapitlu 9, l-artikolu 6 tal-Kapitlu 480 tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ ghaxar xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------